**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 29 ta' Jannar, 2020**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 85/2018 AF**

**Gaetano Cassar**

**vs**

**Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollhom Violet Saliba f'isimha propju u bhala prokuratrici ta' Theresa Walker u Edwich Mercieca assenti minn Malta, Mary Desira, Maria Concetta Micallef u Paul Caruana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur Gaetano Cassar, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent jikri l-fond ossia l-bar maghruf bhala "The Melbourne Bar", ta' mija u sebgha (107), Triq Luqa Briffa, iz-

Zejtun, mis-sidien Violet Saliba, f'isimha propju u bhala prokuratrici ta' Theresa Walker u Edwich Mercieca, Mary Desira, Maria Concetta Micallef u Paul Caruana.

F'Ottubru tas-sena 2017, is-sidien tal-imsemmi fond intavolaw rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u dan sabiex l-esponent jigi zgumbrat mill-imsemmi fond ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 u cioè bid-dispensa tas-smiegh, u kif ukoll ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 69 stante illi l-istess sidien bdew jallegaw li l-fond kien ilu ghal zmien twil maghluq.

L-imsemmi Rikors, enumerat 104/17, gie assenjat lill-Onor. Magistrat Josette Demicoli, u gie appuntat ghal nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2017 fl-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs).

Skond il-verbal tas-seduta ta' nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2017, meta ssejjah ir-rikors, l-esponent ma deherx quddiem il-Bord, u ghaldaqstant il-Bord li Jirregola l-Kera ghadda biex iddecieda r-rikors bid-dispensa tas-smiegh, u konsegwentement ordna l-izgumbrament tal-esponent mill-imsemmi fond bi zmien perentorju ta' erbghin (40) jum.

Dakinhar stess, l-esponent deher quddiem il-Bord, izda wara li kien digà ssejjah ir-Rikors u dan stante li fl-ebda hin ma sema' lill-Marixxalli tal-Qorti jsejhulu.

Fil-fatt lanqas bint l-esponent, u cioè Joanne Agius u zewgha Martin Agius ma semghux lill-Bord isejhilhom sabiex jidhru u ghalhekk hu u l-familjari tieghu baqghu jistennew hdejn il-*lift* sabiex jisimghu lill-Bord isejhilhom.

Minn dik id-decizjoni l-esponent intavola appell, fejn fil-proceduri tal-appell, quddiem il-Qorti tal-Appell, sahansitra xehed b'gurament illi hu kien qieghed il-Qorti fil-hin tal-kawza, flimkien ma' bintu Joanne Agius u zewgha Martin Agius, u kien qieghed jistenna li jissejjah hdejn il-*lift* tas-sular 0, filwaqt illi l-Bord dakinhar kien qieghed gewwa Awla numru 1.

L-esponent mhux talli kkonferma b'gurament li hu u l-familjari tieghu kienu prezenti l-Qorti, talli bint l-esponent baghtet

messagg fl-ghaxra u erba’ minuti (10:04hrs) lill-konsulent legali tieghu li huma kienu wasslu l-Qorti u ghaldaqstant jidher bic-car li l-esponent kien jinsab gewwa l-Bini tal-Qorti fil-hin tal-kawza.

Fid-deposizzjoni tieghu, l-esponent insista li hu ra lis-sidien tal-fond gol-Qorti u lanqas sema’ lil min jghajjatlu, u fil-fatt hu baqa’ jistenna sa wara l-hdax ta’ filghodu (11:00hrs).

Matul il-proceduri tal-appell, l-esponent sahansitra iddikjara taht gurament li hu qatt ma kien rifes gewwa l-Qorti, u ghalhekk, ma kienx jaf ezattament fejn ghandu jistenna.

Fil-fatt l-esponent kellu difiza xi jqajjem ghar-rikors intavolat mis-sidien, u dan stante li kienet twaqqfet il-licenzja tax-xorb mis-sidien stess u ghalhekk ma setax jopera.

Minkejja li l-esponent u bintu xehdu taht gurament quddiem il-Qorti tal-Appell, l-istess Qorti xorta wahda cahdet l-appell tal-esponent u ordnat li l-izgumbrament tieghu mill-imsemmi fond.

Wiehed ghandu jifhem li dan kien zball genwin, aktar u aktar, meta f’binja bhal Qorti ta’ Malta, li fiha hemm 25 Awla, persuna li ma tkunx midhla taghha facilment tintilef, titfixkel jew inkella ma tismax lill-Qorti tghajtilha.

Bir-rispett kollu, f’Qorti li kibret daqshekk, il-procedura ma ghandhiex tibqa’ dik li jghajtu persuna tlett darbiet bil-fomm, stante illi bil-kobor li hemm wiehed facilment ma jismaghhomx jghajtulu.

Ghal kuntrarju ta’ Malta, f’pajjizi ohrajn addottaw sistemi li permezz taghhom il-persuni li jkunu qeghdin jistennew sabiex jissejhu mill-Qorti ikun hemm certezza li persuna semghet isimha, u kif ukoll certezza mill-Qorti li dawk il-persuna koncernati jinsabu prezenti l-Qorti.

Fl-Ingilterra giet introdotta sistema fejn meta persuna tidhol gewwa l-Qorti, jitnizzel isimha li dahlet il-Qorti, u ghaldaqstant il-Qorti tkun taf jekk dik il-persuna kienitx prezenti jew le fil-hin tal-kawza.

Inoltre gewwa l-Istati Uniti, giet addotta sistema, fejn meta tibda sabiex tissejjah kawza, il-persuni koncernati jissejhu fuq *loud speakers*, u ghaldaqstant hija ferma aktar facli ghal persuna sabiex tisma' isimha minn fuq sistema elettronika milli lehen ta' persuna li wara tvarja minn persuna ghal ohra.

L-esponent jirrileva li d-dritt fundamentali tieghu, u cioè dak ta' smiegh xieraq kien miksur, stante illi ma nghatax l-opportunità illi jqajjem id-difiza tieghu ghar-rikors intavolat mis-sidien tal-*bar* u dan minkejja l-fatt illi taha raguni valida ghalfejn hu ma deherx quddiem il-Bord fil-hin tar-rikors.

Dan kollu jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, peress illi l-esponent ma inghatax l-opportunità illi jqajjem difiza.

L-esponent digà ressaq ragunijiet validi sabiex jiggustifika n-nuqqas tieghu però l-Onorabbli Qorti tal-Appell ddecidiet illi tichad tali ragunijiet.

**Rimedju**

Inoltre l-esponenti jirrileva illi f'kazijiet bhal dawn meta hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Bniedem u fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-ahjar rimedju jew l-iktar rimedju idoneju ikun illi tqieghed lill-esponenti f'dik il-posizzjoni originali kieku d-drittijiet fundamentali taghhom ma gewx miksura. Dan ghaliex, il-ksur ta' dawn id-drittijiet instrinsikament se jaffettwa l-proceduri holistikament u ghalhekk l-iktar rimedju idoneju ikun illi terga' tqieghed lill-persuna li taghha gew miksura d-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-posizzjoni originali u cioè f'dik il-posizzjoni fejn id-drittijiet fundamentali taghhom jigu salvagwardjati u protetti mill-ewwel. Fil-fatt, il-Qrati Ewropej diversi drabi rritenew u kkonfermaw din il-posizzjoni. Fil-fatt, fil-kaz deciz mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Pakshayev vs Russia** deciz fit-13 ta' Marzu tas-sena 2014 intqal hekk:

*"The Court reiterates that when an applicant has been convicted despite a potential infringement of his rights guaranteed by Article 6 of the Convention he should, as far as possible, be put in the position in which he would have been had the requirements of thhat provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings, if requested (see Ocalan vs Turkey {GC}, no. 46221/99, §210 in fine, ECHR 2005-IV, and Sakhnovskiy vs Russia {GC}, no. 21272/03, §112, 2 November 2010)."*

Inoltre, fil-kaz deciz mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Abbasov vs Azerbaijan** deciz fis-17 ta' Jannar tas-sena 2008 il-Qorti Ewropea sahqet illi:

*"As it was found above, the proceedings before the Supreme Court did not comply with the requirement of fairness as the applicant was deprived of the opportunity to exercise any of his rights under Article 6 of the Convention. In such circumstances, the Court considers that a retrial or the reopening of the case, if requested, represents in principle an appropriate way of redressing the violation in the present case. It is not for the Court to indicate how any new trial (or re-examination of the applicant's appeal) is to proceed and what form it is to take. The respondent State remains free, subject to monitoring by the Committee of Ministers, to choose the means by which it will discharge its obligation to put the applicant, as far as possible, in the position he would have been in had the requirements of the Convention not been disregarded (see Piersack vs Belgium (Article 50), judgement of 26 October 1984, Series A no. 85, p. 16, §12), provided that such means are compatible with the conclusions set out in the Court's judgement (see Assanidze, cited above, § 202, with further references)."*

Ghalhekk jirrizulta illi l-Qorti Ewropea stess thoss illi f'cirkostanzi simili huwa biss ritrattazzjoni tal-proceduri jew inkella illi l-esponenti jitqieghed fil-posizzjoni originali tieghu u li dawn jissanaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema rimedju irid ikun imholli esklusivament ghall-Qrati nazzjonali stante illi l-Qorti Ewropea ma tistax tissostitwixxi l-

ghoti tas-sentenzi tal-Qrati nazzjonali anke peress illi l-Qorti Ewropea ma jkollhiex ghad-disposizzjoni taghha l-inkartament tal-proceduri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi fil-proceduri inizjati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Violet Saliba et vs Gaetano Cassar, decizi mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2017 u kkonfermati mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2018, fejn l-esponent ma inghatax l-opportunità jipprezenta r-risposta tieghu u jikkontesta t-talbiet rikorrenti, gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet Violet Saliba et vs Gaetano Cassar, u kif ukoll,

3. Thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Violet Saliba et vs Gaetano Cassar, nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2017.

4. Tordna li l-atti jergghu jigu rimessi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u dan sabiex il-proceduri jergghu jinbdew u l-esponent jinghata l-fakoltà li jikkontesta l-kawza ta' sidien il-fond imsemmija fl-ewwel talba.

5. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Il-kwistjoni kollha f'dan il-każ tirrigwarda l-fatt li r-rikorrenti ma deherx għal kawża li ġiet miftuħa ai termini tal-artikolu 16A u l-artikolu 9 tal-Kapitolu 69, liema kawża kienet intiża sabiex fir-rikors ġuramentat, sid il-fond ikun jista' jitlob li l-Bord jiddeċiedi li jilqa' t-talba tiegħu, mingħajr ma jgħaddi għas-smigħ tal-kawża. Ġara iżda li minkejja li r-rikorrent kien preżenti fil-Qorti, huwa ma semax lill-marixxalli jsejħulu u għalhekk ma deherx quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Għaldaqstant il-Bord, wara li qies il-provi ppreżentati quddiemu, iddeċieda r-rikors bid-dispensa tas-smigħ u ordna l-iżgumbrament tar-rikorrent mill-imsemmi fond. Il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri tagħha, ukoll waslet għall-istess konklużjoni u ssottomettiet ukoll li: "*Wara kollox il-qorti mhix qegħda hawn biex tirrimedja għan-nuqqas ta' attenzjoni tal-appellant*."

U fil-fatt dan huwa proprju wieħed mill-argumenti tal-esponent. Mhux sewwa li n-negliġenza ta' persuna tiġi mibdula b'mod stort fi ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq min-naħa tal-esponent Avukat Ġenerali fil-konfront tar-rikorrent. Fil-każ preżenti, ma jirriżulta l-ebda forma ta' ksur tal-artikoli msemmija mir-rikorrent u dan għaliex kien unikament ir-rikorrent li għamel l-iżball meta ma deherx għas-seduta. Issa hemm diversi raġunijiet jew skużi li wieħed jista' jelenka sabiex jiġġustifika l-assenza tiegħu. Iżda jibqa' l-fatt, li r-rikorrent kien notifikat bid-data u l-ħin tas-seduta. Irrispettivament minn kif joperaw il-Qrati ta' pajjiżi oħra, kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jfittex u jistaqsi fejn kienet l-Awla sabiex ikun jista' jattendi għas-seduta – fil-fatt jekk kellu problema, kien obbligat jistaqsi lill-ħaddiema tal-Qorti li jkunu apposta fir-*reception* tal-Qorti sabiex jagħtu tagħrif dwar Awli, kif ukoll jeżistu *monitors* intiżi unikament sabiex jgħarrfu lill-pubbliku min hu l-ġudikant u l-Awla rispettiva minn fejn ikun qed jaħdem.

Relatat mal-paragrafu preċedenti, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża <u>Joseph Grech vs l-Avukat Ġenerali</u> deċiża fl-20 ta' Diċembru 2000, għallmet li partijiet li jonqsu milli jattendu għas-seduti: "*ma jkunux jistgħu jilmentaw li ma jkunux ingħataw smigħ xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni iżda jistgħu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu*

*tilfu, kienet x'kienet ir-raġuni, l-opportunita' tagħhom skont ir-regoli proċedurali li jiggvernaw il-proċess.*".

Il-każijiet li qed jikkwota r-rikorrent ma japplikawx għall-każ preżenti għaliex jirreferu għal meta l-applikant ma jiġix mogħti l-opportunità li jippreżenta r-risposta tiegħu u jikkontesta t-talbiet. Iżda dan assolutament ma jgħoddx għall-każ preżenti. Hawnhekk, ir-rikorrent **ġie mogħti l-opportunita' li jippreżenta risposta u jikkontesta t-talbiet iżda kien huwa stess li ma utilizzax din l-opportunita' minħabba żball tiegħu – allura *imputet sibi***.

Infatti ġie stabbilit li : "*hi trid turi u tipprova li giet privata milli tinstema', u li sofriet dik il-privazzjoni ingustament* ***u mhux b'xi htija taghha*** *ghaliex, mod iehor, dejjem kif ritenut, f'dan il-kaz jissubentra l-applikazzjoni tal-principju* ***qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire***." (Ara Joseph Debono et vs Dottoressa Irene Condachi, Appell Civili, 27 ta' Gunju, 1955; enfasi miżjud).

F'dan ir-rigward ġie mgħallem ukoll fil-ġurisprudenza li: "*Għall-finijiet proċedurali hemm diversità kbira bejn il-każ fejn ma jistemgħux il-provi tal-konvenut minħabba ċaħda tad-debita opportunità bħal meta jiġi inġustament rifjutat is-smigħ ta' provi leġittimi offerti minnu, jew meta l-proċeduri inizjati kontra tiegħu jiġu prosegwiti mingħajr ma jkun ġie notifikat bihom, u ad insaputa tiegħu, u bejn il-każ, fejn minħabba nuqqas tiegħu stess, jibqa' ma jġibx 'il quddiem il-provi tiegħu meta tkun ġiet mogħtija lilu kull opportunità li jġibhom. F'dan l-aħħar każ imputet sibi.*" (enfasi miżjud - Charles Borg v. John Curmi, deċiż mill-Imħallef Philip Sciberras, 20 ta' Jannar 2003).

Iktar minn hekk, naraw ukoll kif mid-deċiżjoni tal-Bord ir-rikorrenti ntavola appell u kwindi seta' għal darb'oħra jsemma' leħnu quddiem Qorti oħra u għalhekk ċertament ma jistax jingħad li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq. Il-fatt li l-eżitu ta' sentenza ma kienx kif mixtieq bl-ebda mod ma jimplika li d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq ġie b'xi mod mittiefes.

Magħdud mal-paragrafi preċedenti, il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhix li ssir qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet

meħuda minn qrati jew tribunali ordinarji jew li tiddeċiedi kwistjonijiet li jxaqilbu lejn il-frivolu u vessatorju, għaliex dan imur oltre d-dispożizzjonijiet stretti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

Barra minn hekk, fir-rigward tar-ritrattazzjoni li qed jitlob ir-rikorrent, fil-liġi tagħna din tista' ssir biss skont il-provvedimenti tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux għal raġunijiet ta' nuqqas ta' attenzjoni, bħal fil-każ preżenti.

Mhux l-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li tikkanċella kawżi li saru *res judicata*. Bir-rimedji li r-rikorrenti qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, qed jipprova jimmina u jġib fix-xejn id-diversi prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ġuridika tagħna, bħalma huma ċ-ċertezza legali, ir-*res judicata* u l-prinċipju li r-rimedju kostituzzjonali huwa rimedju straordinarju. Dan ma jista' qatt jiġi aċċettat u għalhekk l-esponent jikkontesta bil-qawwa t-talbiet kollha tar-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrent ma sofra l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimati Violet Saliba f'isimha proprju u bħala prokuratriċi ta' Theresa Walker u Edwich Mercieca, assenti minn Malta, Mary Desira, Maria Concetta Micallef u Paul Caruana li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda ksur tal-jeddijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghaliex il-Bord li Jirregola l-Kera u mbaghad il-Qorti tal-Appell imxew fedelment mad-disposizzjonijiet tal-ligi, ossia l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jekk wiehed jaghti harsa lejn it-talbiet rikorrenti, sejjer jintebah illi dak li skond ir-rikorrenti kisirlu l-jeddijiet tieghu taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni ma kienx l-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dak li sehh l-ewwel quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u sussegwentement, il-Qorti tal-Appell.

B'kull rispett, dan l-argument ma jregix. L-artikolu 16A (5) tal-Kapitolu 69 jipprovdi ghall-procedura appozita. Jghid illi: "*Jekk l-intimat jonqos milli jidher meta jinstema' r-rikors guramentat (…) il-Bord ghandu minnufih jghaddi biex jaghti sentenza, fejn jilqa' t-talba tar-rikorrent*." Il-ligi hija cara illi fl-assenza tal-intimat, il-Bord ghandu sempliciment jghaddi ghas-sentenza. Kwantu ghall-fatt illi t-talbiet huma kollha diretti lejn l-agir tal-Bord u tal-Qorti tal-Appell (u mhux tal-ligi, li l-kostituzzjonalità taghha <u>ma hijiex</u> qeghda tigi ikkontestata), it-talba hija insostenibbli, ghaliex il-Bord sempliciment mexa mal-ligi, liema ligi r-rikorrenti ma huwiex jikkontesta l-validità taghha. Tabilhaqq, il-Qorti tal-Appell imbaghad kienet ferm kawta li marret lil hinn mill-parametri tal-ligi, u warrbet ghal mument kull norma procedurali biex taghti l-beneficcju tad-dubju lir-rikorrenti, tant li fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2018, sahansitra semghet erba' xhieda, fosthom iz-zewg avukati tar-rikorrenti stess, bit-tama li forsi ssib raguni li tiggustifika l-agir tieghu. Minkejja dan l-ezami mizjud, il-Qorti tal-Appell ikkonferma s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera.

Bl-istess mod, ir-rikorrenti imxew mal-ligi, u ghamlu dak kollu li titlobhom il-ligi biex huma jressqu l-azzjoni taghhom.

Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm l-ebda ksur ta' xi jeddijiet misjuba fil-Kostituzzjoni u/jew fil-Konvenzjoni, ghaliex fil-fatt, ir-rikorrenti nghata diversi opportunitajiet illi jsemma lehnu u jgib l-argumenti tieghu, u illi kien huwa illi bl-agir tieghu, irrinunzja ghall-presenza tieghu fil-proceduri.

Huwa principju maghruf illi: "*Article 6 (tal-Konvenzjoni) is essentially concerned with whether an applicant was afforded ample opportunities to state his case and contest the evidence that be considered false, and not with whether the domestic*

*courts reached a right or wrong decision (Karalevicius vs Lithuania, dec.)*[1]. Gie mizjud illi "*Article 6 entails examination of fairness of proceedings taken as a whole – namely on account of all stages and opportunities given to an applicant*".[2]

Il-pronunzjamenti tal-Qorti Ewropeja dejjem tkellmu fuq il-principju ta' "opportunità", u l-ezami maghmul dejjem kien wiehed biex jigi stabbilit jekk il-persuna li jilmenta minn lezjoni kellux fil-fatt l-opportunità li jgib l-argumenti fil-kawza tieghu. F'Karakasis vs Greece, il-Qorti Ewropeja affermat il-punt illi: "*No decision on the question of compensation should be taken without affording the applicant an opportunity to submit to the courts his arguments on the matter*[3]." Huwa ghalhekk kemmxejn irrilevanti jekk wiehed ikunx attwalment ghamel l-argumenti tieghu – li huwa vitali huwa jekk kellux l-opportunità li jaghmel dan. Jekk kellu l-opportunità ragonevoli li jaghmel dan, u ma ghamlux xorta wahda, ma jistax jinghad illi kien hemm lezjoni! Certament imbaghad, it-traskuragni jew addirittura r-rinunzja ma tista' qatt tigi premjata b'xi sejba ta' lezjoni.

Inghad fil-fatt, fi *Fretté vs France* illi "*The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent*."[4]

Tabilhaqq, li jfisser dan huwa illi jkun hemm "*the opportunity for the parties to have knowledge of and comment on the observations filed or evidence adduced by the other party […] those persons must as a rule be guaranteed free access to the observations of the other participants in these proceedings and a genuine opportunity to comment on those observations*" – ara f'dan is-sens *Ruiz-Mateos vs Spain*.[5]

---

[1] Dovydas Vitkauskas & Grigoriy Dikov "Protecting the right to a fair trial under the European Convention on Human Rights" (Strasbourge, Council of Europe, 2012).
[2] Ibid.
[3] App No 38194/97 (ECHR, 17 October 2000) para 26.
[4] App No 36515/97 (EctHR, 26 February 2002) para 47.
[5] App No 12952/87 (EctHR, 23 June 1993) para 63.

Inoltre gie stabbilit diversi drabi illi l-presenza tal-persuna fil-proceduri tieghu ma hijiex presuppost necessarju, li fin-nuqqas tieghu ikun hemm lezjoni. *F'Colozza vs Italy*,[6] meta kienet qeghda titkellem fuq ambitu ta' proceduri kriminali, il-Qorti Ewropeja indirettament irrikonoxxiet illi persuna jista' b'agir tieghu, jirrinunzja ghad-dritt li jidher gewwa l-Qorti u jsemma' lehnu, u jigi kkunsidrat bhala "latitante". *F'Poitrimol vs France*, gie ripetut illi wiehed jista' jigi kkunsidrat illi irrinunzja ("*waiver*") ghall-presenza tieghu, purché jinstab illi ittiehdu l-mizuri kollha biex il-persuna koncernata kienet avzata bil-proceduri, bil-konsegwenzi tan-nuqqas li jidher, u bl-argument u l-kunsiderazzjonijiet tac-cirkostanzi migjuba kontrih.

Id-domanda li ssegwi hija: Gaetano Cassar inghata opportunità ragonevoli illi jidher u jressaq id-difiza tieghu ghat-talbiet fil-kawza? Kellu verament ic-cans illi jaghmel l-argumenti tieghu? Ittiehdu l-mizuri necessarji biex dawn l-opportunitajiet jinghataw? Minn naha l-ohra, kien hu – bl-agir tieghu – illi rrinunzja ghal dan id-dritt?

Hija l-fehma tal-esponenti illi huwa evidenti illi Gaetano Cassar inghata diversi opportunitajiet biex isemma lehnu, u li ghalhekk ma hemm l-ebda lezjoni f'dak li sehh. Dan fost l-ohrajn ghaliex:

A. Ir-rikors guramentat notifikat lil Gaetano Cassar kwazi xahar qabel is-seduta (gie notifikat fis-27 ta' Settembru 2017, u s-seduta kienet fil-25 ta' Ottubru 2017) kien jghid, fl-ewwel pagna, b'tipa kbira u sewda, illi jekk ma jidhirx fid-data mnizzla, is-sentenza kienet se tinghata dakinhar stess. Minkejja l-avviz car, l-intimata ma hax hsieb li jidher ghas-seduta, u b'hekk moghti l-opportunità li jgib ir-ragunijiet tieghu bil-fomm quddiem il-Bord li Jirregola l-kera, huwa naqas milli jaghmel dan.

B. Gaetano Cassar kellu l-fakultà, *ai termini* tal-artikolu 16A (5) (a) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, illi "*jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex jikkontesta l-procediment li jkun beda r-rikorrent minhabba f'irregolarità jew*

[6] App No 9024/80 (EctHR, 12 February 1985).

*inapplikabilità permezz ta' nota li ghandha tigi pprezentata fir-registru tal-Bord jew matul is-smigh*." Dan ma ghamlux lanqas.

C. Minkejja illi ma deherx, inghata l-fakultà illi jappella fil-Qorti tal-Appell, u hemmhekk spjega l-allegati raguni ghaliex ma deherx. Il-Qorti tal-Appell sahansitra warrbet kull norma procedurali biex *in seconda stanza*, u bhala Qorti tal-Appell, semghet erba' xhieda, inkluz iz-zewg avukati tal-istess Gaetano Cassar.

Huwa ghalhekk inkredulu kif Gaetano Cassar qieghed jippersisti jilmenta min-nuqqas ta' opportunità illi jsemma lehnu, meta opportunitajiet huwa kellu diversi u f'diversi okkazjonijiet. Inoltre, ma jistax jinghad illi ma ttiehdux il-mizuri kollha biex huwa jigi mgharraf bis-smigh tal-kawza, bil-bzonn li jidher biex jaghmel l-argumenti tieghu, u bil-konsegwenzi tal-assenza tieghu. Tant fil-fatt Gaetano Cassar kien avzat, u tant kien jaf li jrid jidher il-Qorti, li skont huwa, dakinhar tas-seduta huwa l-Qorti kien gie!

Apparti hekk, dakinhar tas-seduta (fil-25 ta' Ottubru 2017), il-kawza kienet in-numru 9 fil-lista, u appuntata ghall-10:00am. Issejhet imbaghad ghall-habta tal-10:15am. Fl-appell tieghu, l-intimat appellanti jirrakkonta illi huwa kien fil-bini tal-Qorti fil-hin u li ma deherx ghaliex ma semax lill-ufficcjali tal-Bord isejhulu. Izda, immedjatament evidenti hija l-konfuzjoni shiha fil-hinijiet moghtija mill-intimat appellanti, l-ewwel quddiem l-istess Bord, imbaghad f'dan l-appell.

Per ezempju, fil-verbal maghmul mill-Bord jirrizulta illi l-intimat appellanti tfacca gewwa l-awla fil-11:30am. Fl-appell tieghu jghid illi huwa dahal fl-10:45am. Fl-appell, jghid illi huwa kien fil-bini tal-Qorti ghal habta tal-10:00am, u baghat messagg lill-avukat fl-10:04am, u mill-verbal jirrizulta illi l-kawza kienet issejhet fl-10:15am, u li l-messagg intbaghat fl-10:06am. Tabilhaqq, inzerta illi dakinhar, il-kawza ta' qabel dik mertu tal-kawza damet ftit aktar minn previst u l-kawza ssejhet kwarta tard; jigifieri anke kieku l-intimat verament wasal fl-10:04am jew fl-10:06am, il-kawza kien se jlahhaqha xorta wahda. Dan

kollu jaghmilha ferm inverosimili illi l-kawza ssejhet, u l-intimat inzerta ma semax ismu jigi msejjah tlett darbiet.

Il-Qorti tal-Appell semghet ix-xhieda, u waslet ghall-istess konkluzjoni tal-esponenti – illi r-rikorrenti ma huwiex kredibbli!

Dakinhar tas-seduta, il-Bord li Jirregola l-Kera kien verament kawt; Gaetano Cassar issejjah <u>hafna drabi</u> u l-Bord ha pacenzja u stenna hafna, minkejja l-fatt illi l-hin tal-kawza kien ilu li ghadda.

Jigi mtenni illi fl-avviz mitlub mill-ligi jirrizulta b'tipa cara li tigbed l-ghajn proprju fl-ewwel faccata. Kien ikun mod iehor kieku l-avviz ma sarx, ghaliex hemm l-intimat kien ikollu ragun jghid illi huwa ma kienx gie avzat bl-importanza tad-dehra tieghu quddiem il-Bord fil-hin. Izda f'dan il-kaz, l-avviz hemm qieghed, u allura, ma hemm l-ebda skuzanti ghall-intimat appellanti dwar ghaliex huwa ma deherx meta msejjah.

<u>L-opportunità dejjem imsemmija mill-Qorti Ewropeja kien hemm u kif.</u>

Mill-bqija, Gaetano Cassar dejjem kellu l-fakultà illi jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fir-registru tal-Bord ai termini tal-artikolu 16A (5) (a) – anke qabel il-jum tas-smigh – biex jassigura ruhu illi d-difiza tieghu tigi debitament registrati. Minkejja "l-interess kollu" li huwa jghid li kellu, ghazel illi ma jaghmilx hekk.

Imbaghad, jekk jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fir-registru huwa ma xtaqx, Gaetano Cassar, tal-anqas, kellu mqar l-obbligu illi meta jasal, jiccekkja fhiex waslet il-kawza tieghu, spejcalment in vista tal-avviz fuq il-faccata tar-rikors promotur illi huwa jrid jidher fil-jum u l-hin imsemmija, u specjalment in vista tal-fatt illi l-parti li kontriha kienet il-kawza kienet prezenti gewwa l-bini tal-Qorti. Xorta wahda, kieku verament l-intimat appellanti wasal il-Qorti fl-10:04am, kien se jsib li l-kawza tieghu kienet lanqas biss ghadha bdiet! Dan ghaliex il-kawza saret fl-10:15am. Wiehed ragonevolment jistenna illi kieku verament ir-rikorrenti wasal il-Qorti, u ma semax lill-ufficcjal tal-Bord isejjahlu, kien sejjer jidhol jiccekkja malli jsir

il-hin, u mhux ihalli jsiru l-11:30am, u cioè siegha u nofs wara li kienet skedata illi ssir il-kawza!

Ma jifdal ghalhekk l-ebda konkluzjoni ghajr li jinghad illi r-rikorrenti inghata diversi opportunitajiet illi jaghmel il-kaz tieghu, u kien hu illi rrinunzja ghal dan il-jedd bl-agir tieghu. B'hekk, ma jistax issa jilmenta minn xi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u tla-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Fit-tielet lok, u minghajr hsara ghas-suespost, l-esponenti ma ghandhomx ikunu responsabbli jew migjuba jbatu l-konsegwenzi ta' kwalunkwe lezjoni misjuba, ghaliex huma imsew prettament mal-htigijiet tal-ligi, li *dell'altro*, l-validità tieghu mhijiex tigi kontestata.

Fir-raba' lok, mill-bqija, t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2019, il-Qorti ordnat illi jiġu allegati l-atti tar-rikors numru 104/2017 AE, deċiż mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-30 ta' Lulju 2018.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Gaetano Cassar.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll id-dritt tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif sanċit permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex jgħid li fil-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Violet Saliba pro et noe et vs Gaetano Cassar (rikors numru 104/2017) huwa ma ngħatax l-opportunità li jikkontesta t-talba tar-rikorrenti fl-imsemmija proċeduri. Konsegwentement, qiegħed jitlob it-tħassir tas-

sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-25 ta' Ottubru 2017 u dik tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-30 ta' Lulju 2018.

Da parti tagħhom, l-intimati jeċċepixxu li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent li ngħata kull opportunità li jikkontesta l-kawża li saret kontrih.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrent kien jikri l-bar bl-isem 'The Melbourne Bar', 107, Triq Luqa Briffa, Zejtun, mingħand l-intimati Violet Saliba, Theresa Walker, Edwich Mercieca, Mary Desira, Maria Concetta Micallef u Paul Caruana (minn issa 'l quddiem imsejħa 'is-sidien').

F'Ottubru tal-2017, is-sidien intavolaw rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors tagħhom talbu lill-Bord:

> *"1. Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *2. Jordna, ghar-ragunijiet fuq premessi, lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond ossia l-bar 'The Melbourne Bar' , ta' 107, Triq Luqa Briffa, Zejtun, u jipprefiggi zmien qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jizgumbra mill-istess fond, inehhi dak kollu li huwa hwejgu u jaghti lura l-pussess battal tal-istess fond lir-rikorrenti fl-istess stat tajjeb illi kien mghoddi lilu, u jawtorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jiehdu lura l-pussess ta' dan il-fond, dan kollu ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta."*

B'sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, il-Bord laqa' t-talba għall-iżgumbrament tal-intimat (illum rikorrent) mill-fond, wara li l-intimat naqas milli jattendi għas-seduta u l-Bord ikkonkluda mill-provi li l-fond kien ilu ma jintuża għal żmien twil.

Il-kawża kienet appuntata għas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017. Fil-verbal ġie reġistrat hekk:

*"Meta ssejħet il-kawża fil-ħin dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Keith Borg u Dr Carlos Bugeja.*

*L-intimat imsejjaħ diversi drabi ma deherx.*

*Xehdet bil-ġurament Violet Saliba.*

*Deċiża.*

*Aktar tard ghall-habta tal-11:30 deher Gaetano Cassar assistit minn Dr Marion Camilleri u Dr Yanika Vidal li gew informati mill-Bord illi, billi l-kawza kienet fl-10:00 u ssejjhet ghal-habta tal-10:15 u sahansitra l-intimat imsejjah tlett darbiet ma deherx, il-Bord ghadda biex iddecieda l-kawza.*

*Dr Marion Camilleri informat lill-Qorti illi l-intimat kien gewwa l-bini tal-Qorti mill-10:00 u filfatt it-tifla tal-intimat Joanne Agius, baghtet messagg fuq il-mobile ta' Dr Yanika Vidal fl-10:06, li huma kienu waslu fl-edifizju tal-Qorti."*

Gaetano Cassar intavola appell minn din is-sentenza. Huwa lmenta li dakinhar kien fil-bini tal-qorti iżda li ma semax il-kawża tissejjaħ u li f'kull każ, l-appellati kienu jafu li huwa kien qiegħed jikkontesta l-pretensjonijiet tagħhom.

Mill-atti ta' dan l-appell, jirriżulta li dakinhar tas-seduta quddiem il-Bord, ftit wara l-10:00am, bint ir-rikorrent bagħtet messaġġ bil-mobile lill-avukat tagħhom, Dr Yanika Vidal, fejn infurmatha li huma kienu qegħdin il-qorti jistennew ħdejn il-lift. Dan il-messaġġ, Dr Vidal irċevietu.

Il-kawża kienet appuntata sabiex tissejjaħ fl-10:00am u jirriżulta mill-verbal li ssejħet fl-10:15am. Mill-atti tal-kawża jirriżulta wkoll li fl-avviż ta' smigħ li ġie notifikat lir-rikorrent, jingħad li s-seduta kellha ssir quddiem il-Maġistrat Josette Demicoli u għalkemm fl-avviż ma jissemmiex in-numru tal-awla, mix-xhieda li nstemgħu mill-Qorti tal-Appell huwa evidenti li r-rikorrent kien jaf li s-seduta kienet qiegħda ssir fl-awla numru 1.

Ir-rikorrent spjega lill-Qorti tal-Appell li kien biss wara l-11:00am (skont il-verbal għall-ħabta tal-11:30am) li huwa daħal fl-awla flimkien mal-avukati tiegħu fejn ġie infurmat li dak il-ħin kien tard wisq għaliex il-kawża kienet diġà ssejħet u ġiet deċiża.

Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tar-rikorrent wara li qieset illi r-rikorrent u dawk li kienu qegħdin jakkumpanjawh probabbilment ma semgħux il-kawża tissejjaħ għaliex ma kienux qegħdin ma' ġemb il-bieb tal-awla fejn kienet qiegħda ssir is-seduta u li xogħol il-Qorti mhuwiex li tirrimedja għan-nuqqas ta' attenzjoni tar-rikorrent. Il-Qorti ċaħdet ukoll l-argument tar-rikorrent li s-sidien kienu jafu li l-kwistjoni kienet kontestata stante li huwa ma ġabx prova ta' dan.

It-tieni sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Ir-rikorrent jinvoka wkoll l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jaqra hekk:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun meħtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor."*

Skont l-artikolu 16A(1)(a) tal-Kap. 69:

> *"Dawk il-kawżi li kienu quddiem il-Bord tal-Kera, meta t-talba tkun biss għat-tkeċċija ta' persuna mill-kirja jew sub-kirja ta' xi fond urban, dar ta' abitazzjoni jew fond kummerċjali, sew jekk ikun hemm jew ma jkunx hemm talba għal kera jew xi korrispettiv ieħor dovut jew bħala danni għal xi kumpens, sad-data taċ-ċediment tal-fond, ir-rikorrent ikun jista' jitlob fir-rikors ġuramentat li l-Bord jiddeċiedi li jilqa' t-talba tiegħu, mingħajr ma jgħaddi għas-smigħ tal-kawża:*
>
> *Iżda r-rikorrent għandu jiddikjara, fir-rikors ġuramentat tiegħu, li safejn jaf hu l-intimat ma għandux difiża x'jagħti kontra t-talba:*
>
> *Iżda wkoll ir-rikorrent għandu wkoll jippreżenta flimkien mar-rikors dikjarazzjoni ġuramentata li jkun fiha l-fatti li jirrigwardaw it-talba, u li jkunu jikkonfermaw li huwa jaf b'dawk il-fatti. Ir-rikorrent jista' wkoll jippreżenta flimkien mar-rikors tiegħu, affidavit li jsir minn terza persuna jew terzi li fih jiġu konfermati l-fatti li jkollhom x'jaqsmu mat-talba."*

Imbagħad, il-ħames sub inċiż ta' dan l-artikolu jaqra hekk:

> *"Jekk l-intimat jonqos milli jidher meta jinstema' r-rikors ġuramentat, jew inkella jekk jidher u ma jikkontestax il-proċedimenti li r-rikorrent ikun beda, għal raġuni ta' irregolarità jew inapplikabilità, jew, wara li jkun għamel eċċezzjoni bħal dik bla ebda suċċess, ma jkunx jissodisfa, bix-xhieda ġuramentata tiegħu, jew xort'oħra, lill-Bord li jkollu difiża prima facie, fid-dritt jew fil-fatt, għall-kawża fuq il-mertu, jew xort'oħra jiżvela dawk il-fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li jkunu suffiċjenti biex jintitolawh jiddefendi l-kawża, il-Bord għandu minnufih jgħaddi biex jagħti sentenza, fejn jilqa' t-talba tar-rikorrent. L-intimat jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu biex jikkontesta l-proċediment li jkun beda r-rikorrent minħabba f'irregolarità jew inapplikabilità permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-Bord jew matul is-smigħ."*

Il-Qorti tqis illi f'din il-kawża għandha tibda billi ttenni li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li l-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

> "*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim'Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011 qalet:

*"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K**.)."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emmanuel Camilleri vs Avukat Ġenerali, tat-28 ta' Ġunju 2012, irriteniet:

*"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta' **Jacobs and White**, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha **"fourth instance" doctrine**, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*

***1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute***

***its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.***

***2. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.***

***3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.***

***4. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

***5. The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.***"

Finalment, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, tad-29 ta' Settembru 2016:

*"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom."*

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent mhuwiex jattakka l-proċedura sommarja speċjali kif regolata permezz tal-artikolu 16A tal-

Kap. 69, imma jilmenta mill-fatt illi l-kawża ġiet deċiża fl-ewwel dehra minkejja li huwa xtaq jikkontestaha, għaliex skont hu, m'għandux ikun li tilef l-opportunità li jressaq eċċezzjonijiet sempliċiment għaliex ma semax lill-uffiċjal tal-Qorti jsejjaħ il-kawża.

Fil-ktieb tagħhom Law of the European Convention on Human Rights (tieni edizzjoni) f'paġna 247, l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jgħidu hekk:

> *"Although not expressly provided for in Article 6, the right to a hearing in one's presence is a part of the right to a 'fair hearing' in Article 6(1). Clearly a litigant has an interest in witnessing and monitoring proceedings that are of great importance to him. The right of a litigant to be present at the hearing is also implicit in his right to "participate effectively" in the hearing and the right to an adversarial trial, and, in criminal cases, his rights in Article 6(3)(c),(d) and (e). Where, exceptionally, Article 6 does not require an oral hearing, there is by definition no right to be present.*
>
> *Whereas there is a general right of the accused in criminal cases to attend the hearing, the right of a litigant to be present has been held to extend to only certain kinds of non-criminal cases. These include cases where the "personal character and manner of life" of the party concerned is directly relevant to the decision or where the case involves an assessment of the applicant's "conduct". In other cases, it will be sufficient that there is a hearing at which the party is represented by a lawyer. However, recognition of the right to an adversarial trial suggests that the right of a party to civil proceedings to be present should be more generally recognized.*
>
> *A party to a criminal or non-criminal case may waive his right to be present at the hearing, provided that the waiver is made "of his own free will, either expressly or tacitly", is "established in an unequivocal manner, is "attended by minimum safeguards commensurate to its importance",*

*and does "not run counter to any important public interest.""*

Fil-paġna sussegwenti, l-awturi jkomplu billi jgħidu hekk:

"*Waiver need not be expressly indicated. It may be inferred from conduct, for example by a litigant not attending the hearing, having the required knowledge of it; non attendance by itself is not a waiver.*"

Proprju dwar id-dritt għall-aċċess għall-Qorti, fil-proceduri ta' Ashingdale v United Kingdom, tat-28 ta' Mejju 1985, il-Qorti Ewropea irriteniet:

"*Certainly, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access "by its very nature calls for regulation by the State, regulation which may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals" (see the above-mentioned Golder judgment, p. 19, para. 38, quoting the "Belgian Linguistic" judgment of 23 July 1968, Series A no. 6, p. 32, para. 5). In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation. Whilst the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court, it is no part of the Court's function to substitute for the assessment of the national authorities any other assessment of what might be the best policy in this field (see, mutatis mutandis, the Klass and Others judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, p. 23, para. 49).*

*Nonetheless, the limitations applied must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired (see the above-mentioned Golder and "Belgian Linguistic" judgments, ibid., and also the above-mentioned Winterwerp judgment, Series A no. 33, pp. 24 and 29, paras. 60 and 75). Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para. 1 (art. 6-1) if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable*

*relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved*."

Stabbilit dan kollu, il-Qorti, wara li fliet l-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrent, tasal ghal fehma illi ma qiegħda tirriskontra l-ebda leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

L-għan wara l-proċedura sommarja speċjali huwa proprju d-dispensa tas-smigħ ta' xhieda sabiex kawżi tax-xorta intavolata kontra r-rikorrent jiġu deċiżi sommarjament. Ir-rikorrent ma jikkontestax il-fatt li l-kawża ssejħet mill-uffiċjal tal-Qorti. Isegwi għalhekk li kien ir-rikorrent u dawk li akkumpanjawh li ma semgħux il-kawża tissejjaħ għaliex kienu 'l bogħod mill-awla. Għal din in-negliġenza tagħhom ma jistgħux ilumu ħlief lilhom infushom.

Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Appell li r-rikorrent għamel ħażin li ma qagħadx jistenna viċin tal-bieb tal-awla fejn il-Bord kien qiegħed iżomm is-seduta jew saħansitra daħal fl-awla sabiex jistenna li l-kawża tiegħu tissejjaħ. Jirriżulta minn dak li xehed quddiem il-Qorti tal-Appell u anke dak li ddikjara fir-rikors promotur tiegħu f'dawn il-proċeduri, li r-rikorrent kien qiegħed jistenna viċin awla numru 5 u hemmhekk ma kienx post idoneju sabiex jisma' lill-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti jsejjaħlu.

Il-fatt li seta' kien żball ġenwin tar-rikorrent li wassal sabiex huwa ma deherx quddiem il-Bord ma jfissirx illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif qiegħed jippretendi. Id-dritt għal smigħ xieraq jiggarantixxi aderanza ma' numru ta' prinċipji proċedurali imma ċertament mhux li jagħmel tajjeb għan-negliġenza tar-rikorrent fil-kors ta' proċeduri quddiem xi Qorti jew Bord bħal ma donnu qiegħed jistenna r-rikorrent fil-każ tal-lum, u dan irrispettivament minn kif joperaw qrati ta' pajjiżi oħra. Kif sewwa qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha:

"*Wara kollox il-Qorti mhix qegħda hawn biex tirrimedja għan-nuqqas ta' attenzjoni tal-appellant*."

Jirriżulta mill-atti li r-rikorrent kien notifikat bid-data u bil-ħin tal-kawża, imma minflok daħal fl-awla u stenna hemm, jew staqsa lil xi uffiċjal tal-Qorti, huwa baqa' jistenna barra sal-11:30am, meta kellu mniżżel ċar u tond fuq l-avviż tas-smigħ li l-kawża kienet ser tissejjaħ fl-10:00am, u agħar minn hekk, baqa' jistenna ħdejn l-awla numru 5 minflok ħdejn l-awla numru 1 fejn kien jaf li qiegħed iżomm is-seduta l-Bord.

Il-ġurisprudenza li jagħmel riferenza għaliha r-rikorrent mhijiex applikabbli għaliex titkellem dwar meta r-rikorrent ma jingħatax l-opportunità li jikkontesta kawża. Ir-rikorrent kellu l-opportunità li jikkontesta l-kawża imma minħabba n-negliġenza tiegħu stess, meta naqas li jidher quddiem il-Bord meta ġie msejjaħ, il-Bord iddeċieda l-kawża bid-dispensa tas-smigħ kif fuq kollox titlob il-liġi.

Kif proprju qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe et, tal-24 ta' Ġunju 2011:

> *"...min ma jsegwix il-procedura dettata mill-ligi jew mill-Qorti fil-kaz partikolari, ma jistax jilmenta minn xi nuqqas li sehh fil-konfront tieghu. Din il-Qorti fil-fatt, fil-kawza Grech v. Avukat Generali, deciza fl-20 ta' Dicembru 2000, kienet qalet li fejn il-partijiet jonqsu milli jaghmlu uzu minn din l-istess opportunità huma certament "ma jkunux jistghu jilmentaw li ma jkunux inghataw smiegh xieraq skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni izda setghu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raguni, l-opportunità taghhom skont ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process.""*

F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-proċeduri li jilmenta dwarhom ir-rikorrenti li tissarraf f'leżjoni tad-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq. Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex intiżi sabiex jissewwa xi żball tar-rikorrent. Ladarba ir-rikorrent ingħata l-opportunità jikkontesta l-kawża mela ċertament ma jistax wieħed jitkellem dwar leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Wisq inqas meta kien ir-rikorrent stess li bin-negliġenza tiegħu tilef din l-opportunità u allura *imputet sibi*. Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Zubac v Croatia, tal-5 ta'

April 2018, '*Indeed, procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations.*'

Mingħajr dubju, ir-rikorrent kien jaf jew kien imissu kien jaf bl-importanza li jidher quddiem il-Bord dakinhar tas-seduta għaliex fuq ir-rikors intavolat kontrih, debitament notifikat, hemm miktub ċar u tond li '*Din hija kawża bil-proċedura sommarja speċjali skont l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, li fiha s-sentenza għandha tingħata fl-ewwel dehra fil-kawża jekk int tkun kontumaċi f'dik is-seduta, jew inkella jekk tonqos milli turi f'dik is-seduta li jkollok difiża li tiswa u li tista' tagħmel sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti. Għaldaqstant, int bħala l-intimat għandek tidher quddiem il-Bord fil-ġurnata u l-ħin imsemmi.*' Jekk kien hemm xi ħaġa li ma fehemx minn dan l-avviż, ir-rikorrent kien imissu staqsa lill-avukat tiegħu. Ir-rikorrent seta' wkoll preżenta nota fir-reġistru sabiex jikkontesta t-talbiet miġjuba kontrih imma anke hekk naqas milli jagħmel.

Finalment, ir-rikorrent ma spjegax kif, skont hu, ġie leż id-dritt tiegħu tal-ħajja privata u tal-familja u għaldaqstant, l-ilment tiegħu ibbażat fuq allegat ksur ta' dan id-dritt fundamentali qiegħed jiġi miċħud ukoll.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG